*il-postijiet riżervati għall-parkeġġ mhumiex intiżi sabiex jinstaqu l-vetturi minnhom fl-eventwalità ta' ostakolu - skont il-ġurisprudenza kostanti, is-sewwieqa għandhom joqgħodu attenti sew u m'għandhom iwarrbu l-ebda possibilità, u għalkemm skont l-istess ġurisprudenza meta tinfetaħ bieba fit-triq din toħloq ostakolu fil-karreġġata u għandu jkun responsabbli minn fetaħha, kien prevedibbli li l-vettura misjuqa mill-assikurat tas-soċjetà appellata kienet wisq probabbli waqqfet sabiex fiha jirkeb jew jinżel xi ħadd -*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2023

Appell Numru 44/2023 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Sandra Schembri u l-istess Sandra Schembri (K.I. nru. 180165(M))**
*('l-appellanti')*

***vs***

**Argus Insurance Co., (Europe) Limited**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti s-soċjetà **GasanMamo Insurance Limited (C 3143)** hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha

Sandra Schembri u l-istess **Sandra Schembri (K.I. nru. 180165 (M))** [minn issa 'l quddiem rispettivament 'is-soċjetà appellanta' u 'l-appellanta Schembri', u flimkien 'l-appellanti'], minn lodo arbitrali numru M6519/2022 mogħti fil-5 ta' April, 2023, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'], li permezz tiegħu ddeċieda t-talbiet tagħhom fil-konfront tas-soċjetà intimata **Argus Insurance Co., (Europe) Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] kif ġej:

> *"...filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-kumpannija intimata, jiċħad it-talba tar-rikorrenti Sandra Schembri u jilqa' in parte t-talbiet tar-rikorrenti GasanMamo Insurance Limited u għalhekk jaqta' u jiddeċiedi illi l-inċident li dawn il-proċeduri jirreferu għalih ma seħħx b'responsabilità unika ta' Andrew Christopher O'Connor, iżda b'responsabilità kemm ta' Sandra Schembri u kif ukoll ta' Andrew Christopher O'Connor fi grad indaqs bejniethom, u konsegwentement jikkundanna lill-kumpannija ntimata Argus Insurance Company (Europe) Limited tħallas lill-kumpannija rikorrenti Gasan Mamo Insurance Limited is-somma ta' ħames mitt Euro (€500).*
>
> *Kull parti għanda tbati l-ispejjeż tagħha."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem 'l-inċident'] li seħħ fil-15 ta' Awwissu, 2022 f'Triq Tal-Qroqq, l-Imsida, bejn il-vettura misjuqa mill-assigurat tas-soċjetà appellata bin-numru ta' reġistrazzjoni CLY 089 u l-vettura tal-appellanta Schembri bin-numru ta' reġistrazzjoni FBS 896 assigurata mas-soċjetà appellanta.

## Mertu

3. L-appellanti stitwew proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni fl-1 ta' Novembru, 2022, fejn talbu għall-ħlas tad-danni sofferti fl-inċident in kwistjoni.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet permezz ta' Risposta ppreżentata fit-30 ta' Novembru, 2022, fejn issottomettiet li l-inċident imsemmi seħħ tort tal-appellanta Schembri riżultat tan-negliġenza, traskuraġni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tagħha, iżda fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, l-appellanti kellhom iressqu l-aħjar prova dwar id-danni subiti.

## Il-lodo arbitrali

5. L-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet li wassluh għad-deċiżjoni finali:

> ***"Ikkunsidra***
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-inċident in diżamina seħħ fi Triq tal-Qroqq, Msida bejn il-vettura tal-għamla Kia Ceed bin-numru ta' reġistrazzjoni CLY089, liema vettura fil-ħin tal-inċident kienet wieqfa kif jidher mir-rirtratti esebiti in atti, u l-vettura tal-għamla Hyundai Getz bin-numru ta' reġistrazzjoni FBS 896 li fil-ħin ta' l-inċident kienet qegħda tinstaq mir-rikorrenti Sandra Schembri.*
>
> *Id-diverbju bejn il-partijiet hija dwar ir-responsabilità għall-akkadut. Mill-banda l-waħda Sandra Schembri ttenni ili l-inċident seħħ meta l-passiġġier fil-vettura l-oħra fetaħ il-bieba fuqha. Mill-banda l-oħra l-kumpannija konvenuta ttenni illi l-inċident seħħ meta Sandra Schembri proċediet mill-post riservat għall-parkeġġ fl-istess ħin li l-passiġġier riekeb fil-vettura CLY089 kien ħiereġ mill-imsemmija vettura.*
>
> *It-Tribunal jibda billi jiċċensura bis-sħiħ l-fehma u l-għemil tas-sewwieq Andrew Christopher O'Connor in kwantu ddepona illi huwa waqaf kif waqaf għaliex ma kienx hemm spazju ieħor fejn jieqaf. Għalkemm il-fatt waħdu illi huwa għażel li jieqaf bil-*

*mod li waqaf mhuwiex determinanti tar-responsabilità, il-waqfien b'dan il-mod huwa ċertament b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku. Hija sfortuna illi huma ħafna f'dan il-pajjiż miżgħud bil-vetturi sal-kapjenza massima, li jqiesu li għandhom il-jedd għall-konvenjenza unika tagħhom li jieqfu kif u fejn iridu bl-iskuza ta' nuqqas ta' parkeġġ. Ċertament in-nuqqas ta' parkeġġ ma huwa qatt skużant għal parkeġġ bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, liema ċirkostanzi ta' spiss joħolqu perikli li fin-nuqqas ma jeżistux.*

*B'rabta mal-kunsiderazzjonijiet dwar ir-responsabilità, it-Tribunal jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:*

*(i) ċertament ma kienx hemm ħtieġa li s-sewwieq tal-vettura CLY089 jieqaf bil-vettura lejn in-naħa tal-lemin tat-triq kemm -il darba huwa minnu illi huwa kien ser jieqaf momentarjament sabiex mill-vettura jinżel il-passiġġier li kien riekeb fuq wara. Dan huwa aktar u aktar il-każ meta skont ix-xufier tal-imsemmi vettura l-parkeġġ lejn ix-xellug tal-vettura kien meħud fil-ħin li huwa waqaf. Illi l-mod li bih O'Connor għażel li jieqaf ċertament kien jagħti x'jifhem illi huwa ma riedx jostakola l-passaġġ ta' vetturi oħra minkejja l-waqfien tal-vettura minnu misjuqa. Jidher mir-ritratti esebiti – iżda mhux ukoll mill-iskizz imħejji mill-uffiċjal tal-komunità 834 li evidentement lanqas seħħlu jħejji skizz rappreżentattiv tal-qagħda li sab fuq il-lok tal-inċident – illi l-vettura misjuqa minn Schembri setgħet tipproċedi mingħajr sinistru minn ma' ġenb il-vettura misjuqa minn O'Connor kemm -il darba ma kienetx għall-ostaklu li ħolqot il-bieba tal-vettura minnu misjuqa;*

*(ii) Illi ftit li xejn huwa kredibbli O'Connor in kwantu jtenni illi l-ispazju ta' parkeġġ ġie liberat propju fil-ħin li huwa kien waqqaf il-vetturi minnu misjuqa. Mhux biss huwa osservat illi Schembri ma għamlet ebda referenza għal dan, iżda huwa osservat di più illi l-ispazju ta' parkeġġ vakanti huwa ta' aktar minn parkeġġ ta' vettura waħda, dan sewwa sew kif tgħid l-istess Sandra Schembri. Dan ifisser illi O'Connor x'aktarx kellu post ampju fejn jieqaf bil-vettura iżda li għal konvenjenza tiegħu huwa għażel li ma jagħmilx dan, mhux inqas kunsidrat illi kien mistenni illi huwa kien ser jieqaf momentarjament sabiex iħott il-passiġġieri abbord;*

*(iii) ċertament ukoll, il-postijiet riservati għall-parkeġġ ma humiex intiżi sabiex minnhom jinstaqu vetturi fl-eventwalità ta' ostaklu. Il-prudenza, u dan anke fil-konfront ta' utenti oħrajn bħal O'Connor li jkunu qed jabbużaw mit-triq, titlob li wieħed jistenna sakemm jkun jista' jipproċedi fi triqtu. Mhuwiex mistenni li*

*utent wieħed jikser ir-regolament tat-traffiku b'riposta għal oħrajn li jkunu kisru jew qegħdin jiksru r-regolament tat-traffiku.*

(iv) *Illi hija ġurisprudenza kostanti illi s-sewwieqa għandhom joqgħodu attenti ferm u ma għandhom jeskludu ebda possibilità, liema attenzjoni skont l-istess ġurisprudenza testendi għal aġir li ma jkunx mistenni. Għalkemm il-ġurisprudenza tgħallem illi l-ftuħ ta' bieba toħloq ostaklu fil-karreġġata u li r-responsabilità għalhekk għandha tinġarr minn min b'mod inkuranti jagħmel dan, kien fil-fehma ta' dan it-Tribunal daqstant ieħor prevedibbli illi l-vettura misjuqa minn O'Connor kienet waqqfet għal raġuni, u li din probabilment kienet waqqfet sabiex fiha jirkeb jew minnha jinżel xi ħadd, movimenti dawn li kienu jenħtieġu l-ftuħ ta' bieba jew aktar (ara fost oħrajn* ***Elmo Insurance v. Christa Licari Gauci****, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 23 ta' April 2021;* ***Noel Zahra noe. v. Josesph Orlando****, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 27 ta' Mejju 2021)*

(v) *illi ma huwa ta' ebda suffraġju u lanqas ma huwa determinanti l-fatt illi s-sewwieq tal-vettura CLY089 seta' xegħel jew ma xegħelx il-*hazard lights. *Kif jirriżulta mill-Kodiċi tat-Triq, huwa rekwiżit illi kull vettura tkun adebita b'tagħmir bħal dan, b'dan ukoll illi l-istess* hazard lights *għandhom jintużaw għal raġunijiet oħra u ċertament mhux għar-raġunijiet pretiżi mis-sewwieqa ko-involti fl-inċident. Ċertament il-*hazard lights *ma jfissrux li xi ħadd ser inkun nieżel minn vettura u għalhekk ma għandhomx jinxtelgħu meta vettura tieqaf biex tgħaddi jew biex tħott il-passiġġieri.*

(vi) *Illi lanqas ma huwa ta' ebda suffraġju l-fatt illi l-ħsarat riskontrati fil-vettura tar-rikorrenti huma fil-parti ta' quddiem tagħha. Dawn il-ħsarat iridu naturalment jiġu kunsidrati mhux b'mod iżolat, iżda fl-assjem tar-riżultanzi.*

***Ikkunsidra***

*Magħmula l-kunsiderazzjonijiet* supra, *it-Tribunal ma jqiesx li jkun xieraq, ġust jew altrimenti ekwu illi xi r-responsabilità għall-akkadut tintrefa' kollha kemm hi minn xufier jew minn ieħor. Kunsidrati għalhekk ir-regoli, l-prinċipji u l-ġurisprudenza in tema, it-Tribunal iqis illi fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ikun aktar ġust u ekwu li r-responsabilità tiġi spartita b'mod ugwali bejn it-tnejn. B'dan il-mod kull parti tkun refgħet il-piż tal-għemil kontributorju tagħha, għemili li fiċ-ċirkustanzi għandu jitqies li jammonta għal nuqqas ta' prudenza u kif wkoll għal nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku.*

***Ikkunsidra***

*In kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni huwa osservat illi s-somma reklamata mir-rikorrenti hija indikata bħala s-somma ta' €1,033, liema somma, skont ma jirriżulta minn dik li jidher li hija kopja ta' ittra uffiċjali, tinkorpora fiha s-somma ta' €50* policy excess. *Għal kull buon fini jingħad illi mid-*Discharge Receipt *esebita a fol. 22 tal-atti jirriżulta illi l-ħlas magħmul mill-kumpannija rikorrenti favur l-assikurata tagħha kien dak fis-somma ta' €1,000. F'dan l-istess dokument jingħad illi ebda* policy excess *ma tħallas mir-rikorrenti Sandra Schembri. Illi dan ma jistax ħlief ifisser l-kumpannija rikorrenti għamlet tajjeb għall-intier tad-danni subiti minn Sandra Schembri. Illi għall-istess raġunijiet jirriżulta illi hija l-kumpannija rikorrenti li għandha għalhekk tirċievi, tenut kont tal-ispartit tar-responsabilità, nofs is-somma minnha mħallsa bħala danni subiti mill-assikurata tagħha Sandra Schembri, liema somma qegħda għalhekk tiġi likwidata fis-somma ta' nofs is-somma ta' €1,000, u ċioe €500, pagabbli mill-kumpannija ntimata lill-kumpannija rikorrenti Gasan Mamo Insurance Limited."*

## L-Appell

6. L-appellanti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza appellata u ntavolaw appell quddiem din il-Qorti fit-12 ta' April, 2023, fejn qegħdin jitolbu sabiex:

> *"...din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija miċ-Ċentru għall-Arbitraġġ ta' Malta fil 5 ta' April 2023 fl-ismijiet premessi u minflok issib lill-assikurat tal-kumpannja assikuratrici intimata unikament u kompletament responsabbli għall-inċident* de quo, *u b'hekk tikkundanna lill-intimata tħallas l-ammont ta' €1,033.00 bl-imgħaxjiet kif mitluba fit-Talba u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimata."*

## Ir-Risposta

7. Is-soċjetà appellata ppreżentat ir-risposta tagħha fl-24 ta' April, 2023 fejn issottomettiet li l-appell odjern għandu jiġi miċħud u l-lodo arbitrali kkonfermat fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-konklużjonijiet magħmulin mit-Tribunal fil-lodo arbitrali tiegħu, filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata kif ippreżentati fit-tweġiba tagħha.

9. L-appellanti qabel xejn taw deskrizzjoni qasira tal-post fejn seħħ l-inċident, u saħansitra proprju fejn kienu qegħdin jinstaqu l-vetturi dakinhar tal-imsemmi inċident. Jissottomettu li t-triq hija waħda dritta li tippermetti viżwali tajba sabiex b'hekk is-sewwieq Andrew Christopher O'Connor u/jew il-passiġġier tiegħu kellhom jintebħu bil-vettura tal-appellanta Schembri ġejja min-naħa ta' wara u b'hekk l-istess passiġġier ma kellux jiftaħ il-bieba tal-vettura. Filwaqt li ċċitaw dak li qal is-sewwieq dwar x'ġara hekk kif huwa kien waqqaf il-passiġġier tiegħu, irrilevaw li dan tal-aħħar qatt ma kien tressaq bħala xhud, u mir-rapport tal-*warden* ma kienx jirriżulta li dan kien ipprovda xi *statement* dwar l-akkadut. Jgħidu li skont is-sewwieq, dan il-passiġġier kien telaq minnufih wara l-ħabta mingħajr ma sar ebda diskors miegħu, u għalhekk is-sewwieq wisq probabbli ma jaf xejn dwar x'għamel il-passiġġier li kien fuq wara. L-appellanti jikkontendu li kien mistenni li s-sewwieq jitkellem mal-passiġġier qabel dan jitlaq biex jara x'kien ġara, iżda dan ma seħħx. Huma hawnhekk jagħmlu riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Cefai *vs.* Coleiro** deċiża fil-25 ta' Ġunju, 1999, u jiċċitaw l-artikolu 52 tal-Kodiċi tat-Triq, filwaqt li jikkontendu li l-persuna li tixtieq toħroġ minn vettura min-naħa tat-triq għandha l-obbligu li tikkonferma jekk humiex ġejjin vetturi qabel ma tiftaħ il-

bieba tal-vettura. Sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom, huma jagħmlu riferiment għal dak li qal l-awtur Taljan **Roberto Rovinelli** kif ċitat mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fis-sentenza tiegħu **Saviour sive Aldo Portelli *vs.* Gordon Borda** deċiża fl-10 ta' Ġunju, 2005. Jirrilevaw li fil-kawża odjerna l-verżjoni mogħtija mis-sewwieqa rispettivi tal-vetturi kienu tassew kontrastanti, u jissottomettu li ma kienx hemm qbil proprju fuq id-dinamika tal-inċident. Filwaqt li jaċċennaw għal dak li qalu fix-xhieda tagħhom is-sewwieqa rispettivi tal-vetturi nvoluti fl-inċident, huma jissottomettu li l-appellanta Schembri kienet stqarret li l-vettura misjuqa mis-sewwieq l-ieħor ma kellha l-ebda *hazard lights* mixgħulin, u l-bibien tagħha kienu magħluqin meta ratha.  L-appellanti jikkontendu li anki li kieku din il-vettura kellha dawn id-dwal mixgħulin, dan ma kienx jagħti lok sabiex persuna tiftaħ il-bieba tagħha u b'hekk tostakola l-passaġġ liberu ta' utenti oħra tat-triq, partikolarment fejn il-vettura kienet *double parked* man-naħa tal-lemin tat-triq. Jirrilevaw li l-ħsara fil-vettura tal-appellanta Schembri hija fin-naħa tal-ġenb tagħha kif jirriżulta mir-ritratti *a fol.* 14, 16, 17 u 18 tal-atti tal-proċeduri arbitrali, iżda jekk il-bieba kienet miftuħa qabel ma seħħ l-impatt, il-ħsara kienet tkun fuq quddiem. L-appellanti jsostnu li l-Arbitru ma kienx korrett meta qasam ir-responsabbiltà għall-inċident b'mod ugwali fuq is-sewwieqa. Jgħidu li għalkemm l-Arbitru jagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Elmo Insurance *vs.* Licari Gauci** (App. Nru. 17/2020LM) deċiża fit-23 ta' April, 2021, il-fatti hemmhekk kienu differenti għaliex il-bieba tal-vettura kienet ilha miftuħa meta ntlaqtet. Jissottomettu li vettura għandha tiġi pparkeġġjata kif għandu jkun u skont il-liġi, iżda fil-każ odjern is-sewwieq Andrew Christopher O'Connor kien naqas milli josserva dak li jipprovdi għalih

l-artikolu 52 tal-*Highway Code* u anki dak li kienu jitolbu r-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur. Jgħidu li l-istess sewwieq kien ra l-vettura tal-appellanta Schembri ġejja fil-mera tal-vettura li kien qed isuq, u dan proprju qabel ma nfetħet il-bieba tal-passiġġier tal-vettura misjuqa minnu. L-appellanti jirrilevaw li dan is-sewwieq kien iddikjara fix-xhieda tiegħu li f'dak il-mument l-appellanta Schembri kienet distanza ta' 20 pied bogħod, u jissottomettu li mill-ħin li huwa kien ra lill-appellanta Schembri sakemm seħħ l-impatt, kienet għaddiet inqas minn sekonda. Huma jsostnu li l-appellanta Schembri ma kinitx qiegħda ssuq b'mod negliġenti jew imprudenti sabiex b'hekk kisret ir-Regolamenti tas-Sewqan, iżda għall-kuntrarju hija kienet qiegħda ssuq fid-dritt fuq in-naħa tax-xellug tat-triq meta osservat vettura wieqfa *double parked,* iżda t-triq kienet wiesgħa biżżejjed sabiex tippermettilha li tgħaddi anki fejn fuq ix-xellug tagħha kien hemm vetturi pparkeġġjati. Iżda nfetħet il-bieba tal-vettura l-oħra misjuqa minn Andrew Christopher O'Connor, u laqtet il-vettura tagħha, sabiex b'hekk il-kawża prinċipali tal-inċident kienet din l-azzjoni. Jgħidu li s-sewwieq l-ieħor kellu l-obbligu li jħares sewwa, u huma jiċċitaw lill-awtur Ingliż Gibb in sostenn tal-argument tagħhom. Jirrilevaw li ġaladarba s-sewwieq kien għażel li jwaqqaf il-vettura tiegħu fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, kien ikun ferm iktar għaqli għall-passiġġier li joħroġ min-naħa tal-lemin tagħha, jiġifieri viċin il-bankina minflok għal nofs it-triq. Hawnhekk isostnu li l-passiġġier saħansitra kellu d-dover li jħares lura sabiex jaċċerta ruħu li ma kienx ser joħloq emerġenza jew ostakolu għall-utenti tat-triq, iżda dan il-fatt ma ġiex rilevat mis-sewwieq fir-rapport tal-*warden,* u lanqas fix-xhieda tiegħu.

10. Is-soċjetà appellata qabel ma tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fil-mertu, tirrileva (a) li l-appell ma sarx in ottemporanza mas-subartikolu 143(1) tal-Kap. 12, stante li l-appellanti ma tawx ir-raġunijiet tagħhom għall-imsemmi appell tagħhom, u għalhekk kellhom jintalbu li jagħmlu proprju dan skont is-subartikolu 143(5) tal-istess liġi; u (b) ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni tal-indirizz tar-residenza tal-appellanta Schembri bi ksur tal-para. (ċ) tas-subartikolu 174(2) tal-Kap. 12. Dwar il-mertu fejn tagħraf li l-argument tal-appellanti huwa li l-bieba tal-vettura CLY 089 infetħet fuq il-vettura misjuqa mill-appellanta Schembri, is-soċjetà appellata tgħid li din il-verżjoni ġiet kontradetta bix-xhieda tax-xufier Andrew Christopher O'Connor, li qal li *"the door was already opened when the other car proceeded from behind",* u kien ċar ħafna dwar dak li huwa ra hekk kif seħħ l-inċident. Saħansitra kien ra li l-passiġġier kien diġà kellu saqajh barra mill-vettura u kien ra l-vettura misjuqa mill-appellanta Schembri taħbat mal-bieba. Dwar il-fatt sollevat mill-appellanti li l-passiġġier ma kienx ta l-verżjoni tiegħu lill-*warden* u lanqas ittella' jixhed, is-soċjetà appellanta tgħid li dan il-passiġġier kien ibbukkja minn fuq *application* fuq il-*mobile,* u għalhekk is-sewwieq ma jkollux id-dettalji tiegħu bħall-indirizz. Tikkontendi li r-riferimenti kollha għall-*Malta Highway Code* magħmulin mill-appellanti huma fiergħa għaliex il-bieba tal-vettura misjuqa minn Andrew Christopher O'Connor kienet diġà miftuħa hekk kif l-appellanta Schembri ttentat tagħmel manuvra ta' sorpass. Is-soċjetà appellata tinsisti li skont dak li qal is-sewwieq, il-passiġġier kien ivverifika sew qabel fetaħ il-bieba u beda ħiereġ mill-vettura, iżda l-appellanta Schembri ma riditx tistenna u ttentat tagħmel manuvra ta' sorpass f'triq li hija *single carriage way.* Hawnhekk hija tiċċita l-artikoli 181 u

183 tal-*Malta Highway Code,* u anki dak li qalet l-appellanta Schembri fix-xhieda tagħha dwar kemm damet tistenna wara l-vettura CLY 089. Is-soċjetà appellata tikkontendi li minn din ix-xhieda jirriżulta li l-appellanta Schembri filfatt ma stenniet xejn wara l-vettura l-oħra, u b'hekk ċertament ma kinitx ħarset dak li jipprovdi għalih l-*Malta Highway Code.* Tirrileva li l-verżjoni tas-sewwieq Andrew Christopher O'Connor hija min-naħa l-oħra tassew verosimili għaliex l-passiġġier kien diġà ħallsu permezz tal-*application* skont il-prassi tallum, u għalhekk ma kellux għalfejn jitnikker biex jinżel mill-vettura. Is-soċjetà appellata tissottometti li dan kollu jsaħħaħ l-argument li l-appellanta Schembri mill-ewwel ittentat tagħmel il-manuvra ta' sorpass, u b'hekk ma kellux mis-sewwa l-argument tal-appellanti li *"is-sewqan ta' Sandra Schembri ma kien bl-ebda mod sewqan negliġenti jew imprudenti li wassal għal ksur tar-Regolamenti tas-Sewqan".* Tgħid li fil-kuntest hija rilevanti s-sentenza ċitata mit-Tribunal u jekk wieħed jikkunsidra li l-bieba filfatt kienet magħluqa, kif saħansitra qies it-Tribunal ukoll, dan ma kienx inaqqas mill-obbligu tal-appellanti li toqgħod attenta. Dwar il-ħsarat sofferti mill-vettura tal-appellanta Schembri, is-soċjetà appellanta tissottometti li mir-ritratti esebiti mar-rapport tal-*wardens,* jirriżulta li l-bieba tal-vettura CLY 089 kienet miftuħa u li kieku kienet magħluqa kienet tinġibed lura. Filwaqt li tagħmel riferiment għar-ritratti u anki għax-xhieda tal-appellanta Sandra Schembri fir-rigward tal-ħsarat, u ssostni li huwa verosimili li l-bieba tal-vettura CLY 089 ma kinitx miftuħa beraħ, iżda meta sar l-impatt din infetħet iktar u kompliet tobrox il-bieba ta' quddiem u dik ta' wara. Dwar l-ilment tal-appellanti fir-rigward tal-ħlas fejn it-Tribunal ikkunsidra li nofs is-somma

mħallsa mis-soċjetà appellanta kien €500, tgħid li dan huwa korrett ġaladarba ma jirriżultax li l-appellanta Schembri ħallset il-*policy excess.*

11. Il-Qorti mill-ewwel għandha tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija korretta. Tibda billi tikkunsidra li l-appellanta Schembri tassew kellha turi l-prudenza kollha fil-manuvra tagħha ta' sorpass, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni li (a) hija kienet ser tagħmel użu mill-postijiet għall-parkeġġ fuq in-naħa tax-xellug tat-triq sabiex twettaq din il-manuvra, u liema postijiet mhumiex intiżi sabiex minnhom jinstaqu vetturi f'ċirkostanzi normali; (b) ġaladarba l-vettura wieqfa quddiemha evidentement kellha liċenzja sabiex iġġorr in-nies, kien hemm probabbiltà li kienet waqqfet sabiex tgħabbi jew tniżżel il-passiġġieri tagħha. Iżda hawnhekk huwa rilevanti ferm tgħid il-Qorti dak li qal it-Tribunal qabel xejn fejn fisser kif fil-fehma tiegħu l-azzjoni tas-sewwieq Andrew Christopher O'Connor kellha tassew tiġi ċċensurata minħabba l-mod ta' kif dan kien waqaf sabiex jinżel il-passiġġier mill-vettura tiegħu. Il-Qorti hawn għalhekk tagħmilha ċara li din l-azzjoni negliġenti dejjem iġġib ir-responsabbiltà għal kull konsegwenza ulterjuri, iżda ma jonqos qatt li l-utenti l-oħra tat-triq għandhom juru kull prudenza sabiex jiġi evitat inċident bħal dak odjern, li seta' ssarraf f'konsegwenzi iktar gravi għall-passiġġier tal-vettura misjuqa minn Andrew Christopher O'Connor.

12. It-Tribunal imbagħad għamel is-segwenti osservazzjonijiet korretti u tassew rilevanti għall-każ odjern: (a) ma kienx hemm il-ħtieġa li s-sewwieq tal-vettura CLY 089 jieqaf lejn il-lemin tat-triq ġaladarba l-waqfa kellha tkun waħda qasira ntiża sabiex jinżel il-passiġġier tiegħu riekeb fuq wara, u għalhekk wieħed jifhem li huwa ma riedx ikun ta' ostakolu għall-utenti oħra

tat-triq, u dan filwaqt li r-ritratti esebiti kienu jixhdu li l-vettura misjuqa mill-appellanta Schembri kienet libera li tgħaddi sakemm sabet l-ostakolu li ħolqot il-bieba tal-vettura l-oħra; (b) mhux daqstant kredibbli dak li qal is-sewwieq Andrew Christopher O'Connor li l-parkeġġ fuq ix-xellug tal-vettura tiegħu inħeles hekk kif huwa kien waqqaf il-vettura tiegħu, u wisq probabbli huwa kellu spazju sew fejn jieqaf, iżda għall-konvenjenza għażel li dan ma jagħmlux; (ċ) il-postijiet riżervati għall-parkeġġ mhumiex intiżi sabiex jinstaqu l-vetturi minnhom fl-eventwalità ta' ostakolu u l-prudenza anki fil-każ ta' abbuż bħal dak odjern, kienet tirrikjedi li wieħed jistenna; (d) skont il-ġurisprudenza kostanti, is-sewwieqa għandhom joqgħodu attenti sew u m'għandhom iwarrbu l-ebda possibilità, u għalkemm skont l-istess ġurisprudenza meta tinfetaħ bieba fit-triq din toħloq ostakolu fil-karreġġata u għandu jkun responsabbli minn fetaħha, kien prevedibbli li l-vettura misjuqa minn Andrew Christopher O'Connor kienet wisq probabbli waqqfet sabiex fiha jirkeb jew jinżel xi ħadd; (e) ma kienx ta' suffraġju jew fattur determinanti li dan l-istess sewwieq xegħel jew ma xegħelx il-*hazard lights* għaliex l-użu tagħhom ma kienx dak kif intiż fil-każ odjern; (f) ukoll ma kienx ta' suffraġju li l-ħsarat kienu lejn il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-appellanta Schembri, u kellhom jitqiesu fl-assjem tar-riżultanti. Meħud dan kollu in konsiderazzjoni, it-Tribunal stqarr li ma kienx xieraq, ġust jew altrimenti ekwu li r-responsabbiltà tal-akkadut tinġarr minn parti waħda jew oħra, u wara li qal li huwa kien qies ir-regoli, il-prinċipji u l-ġurisprudenza in tema, iddikjara li fil-każ odjern kien iktar ġust u ekwu li r-responsabbiltà tinqasam b'mod ugwali bejn is-sewwieqa. Il-Qorti tikkondividi dawn il-

ħsibijiet kollha u tagħmilhom tagħha, filwaqt li tgħid li m'għandhiex x'iżżid iktar magħhom għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltà għall-akkadut.

13. Dwar il-kwistjoni tad-danni, it-Tribunal filwaqt li għaraf li s-somma reklamata kienet ta' €1,300 li kienet ukoll tkopri €50 rappreżentanti *policy excess*, ikkunsidra li skont id-*Discharge Receipt a fol.* 22, irriżulta li s-soċjetà appellanta kienet filfatt ħallset lill-appellanta Schembri l-ammont ta' €1,000. B'hekk huwa ġustament iddeċieda li l-imsemmija soċjetà appellanta kellha tirċievi nofs dik is-somma mingħand is-soċjetà appellata.

14. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel kwistjoni preliminari li qiegħda tissolleva s-soċjetà appellata li l-appell intavolat mill-appellanti ma jirrispettax id-dettami tas-subartikolu 143(1) tal-Kap. 12, il-Qorti tagħraf li hija ma baqgħetx tinsisti fuq dan l-ilment tagħha, fejn wara kollox joħroġ ċar mir-rikors tal-appell liema huma l-aggravji tal-appellanti. Dwar l-allegat ksur tal-para. (ċ) tas-subartikolu 174(2) tal-istess liġi, il-Qorti tgħid li n-nuqqas tal-appellanti jikkostitwixxi biss formalità li n-nuqqas tagħha ma ġġib l-ebda konsegwenza fir-rigward tal-appell tagħhom.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellanti ġustifikati u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern u tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**